# LIL IBNI DANJEL

*Ta'* Manwel Cassar

**Imqanqla minn ittri tal-ħbieb li jitkellmu fuq apatija ġenerali u xi nuqqas ta' serjetà f'"Malta Letterarja".**

Ħniekek qasmu l-ewwel sinna
qisha perla f'ħalq arzella —
li tħabbarli li ta' ħajtek
qed isuq il-karozzella
il-kuċċier taż-Żmien imħarrab
minn ġol-belt fejn int tarbija
sa ma jwasslek qrib id-daħla
ta' belt akbar tat-tfulija.
Liema ferħ ġo qalbna kattret
dik is-sinna li seħbitek
mat-tlissin ta' l-ewwel klejma,
l-egħżeż żina ta' żgħuritek!
Tgħaxxaqt b'ommok kif infexxet
tgħollik fl-ajru ma' l-aħbar
u f'dirgħajha terġa' tilqgħek
u inti tfaqqa' d-daħk taż-żgħar.
Imabgħ'd trossok ma' sidirha
u bil-bews li tfaqqa' fik
mal-għafis ħerqan tal-għożża,
...... xoffa ddendel...... u tbikkik.
Ibki, ruħi, f'dirgħajn ommok
għax il-biki lsien il-qlub,
imma għad tikber, tkun trid tibki
biex fid-dmugħ l-imrar idub,
iżda d-dmugħ mill-għajn ta' qalbek
ma jfawwarx u f'wied il-baħħ
waħdek tagħraf ħruq il-griežem
u mnejn ġiet il-kelma "Aħħ!"
Nixtieq, ibni, li minn issa
ma nfakkrekx fiż-żmien ġejjieni
u nigdiblek li matulu
mhux se ssib ħlief x'jagħmlek hieni.

Mhux li kelli l-jedd inqarrqek
bil-ħsieb sbejjaħ li fil-ħajja
f'li tħobb aktar minnha nfisha
qatt ma ssib tiċpis u tbajja'

bl-iswed faħmi; qatt it-tama
ma tintaħan dqiqa dqiqa;
qatt il-bruda ma taqfillek
ħeġġet qalbek f'ħabs id-dieqa!

* * *

Stennejniehom ommok, jiena,
l-ewwel sinna u l-ewwel kliem.
Issa waslu, u barra milli
biex isawbu f'qalbna s-sliem,

ġew bid-dmir li nibda nħarrġek
biex titkellem sewwa b'fommok
iż-żewġt ilsna: t'art twelidek:
t'art twelidi u twelid ommok;

'mma fil-waqt li ssib f'ta' l-ewwel
kura kbira għal ġieh l-ilsien
u, bħan-nar ġo masġar niexef,
ħrara mħeġġa kullimkien,

nibża' wisq li ser f'tat-tieni
tilmaħ bruda liema bħalha
għax il-għaqda nħattet u iktar
setgħa għall-ġid ma għadx baqagħlha.

Minix żgur li nixtieq ngħallmek
dak l-ilsien f'żewġ qlub magħżuż,
dak l-ilsien li għall-ġens Malti
hu bħall-ġawhar għall-qażquż.

Għalfejn, ibni, ngħallmek tħobbu
biex *bih* taqra l-ittri qliel
bl-aħbar sewda li ġo Malta
miet, jew qed imut, il-Ġmiel?!